**FIL-QORTI ĊIVILI**
**PRIM AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 11 ta' Lulju, 2023**

**Rikors Numru : 588/2023 ISB**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 2427/2023 fl-ismijiet:**

**NASSAU MARITIME HOLDING DAC, socjeta' registrata gewwa l-Irlanda, kif lokalment rapprezentata mill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino (ID. 441061M)**

**Vs**

**Il-Bastiment M/V "DOMINIA" (IMO: 9376854)**

**DAN HUWA DIGRIET MOGHTI FIL-MIFTUH GHAR-RIKORS TAL-KAPTAN ANTONIO CILIDONIO (DETENTUR TAL-PASSAPORT TALJAN BIN-NUMRU YB3703839) (KOPJA TAL-PASSAPORT QED TIGI HAWN ANNESSA U MMARKATA BHALA DOKUMENT 'AC1') LI QED JIDHER BĦALA MANDATARJU SPEĊJALI TAL-BASTIMENT M/V DOMINIA U TAS-SIDIEN TIEGHU MORFINI SPA, SOCJETA' REGISTRATA GEWWA L-ITALJA, MAGHMUL AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 281 TAL-KAP 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA FIT-12 TA' GUNJU 2023.**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-Rikors** tat-12 ta' Gunju 2022 **tal-Kaptan Antonio Cilidonio (detentur tal-Passaport Taljan bin-numru YB3703839) (Kopja tal-**

**Passaport qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'AC1') li qed jidher bħala mandatarju speċjali tal-bastiment M/V DOMINIA u tas-sidien tieghu Morfini SpA, socjeta' registrata gewwa l-Italja** u li permezz tieghu, ghar-ragunijiet premessi fl-istess rikors talbet illi din il-Qorti joghgobha:

1. *Tissospendi b'mod urġenti l-effetti kollha tal-ittra ufficjali 2427/2023 nkluz l-ezegwibbilta' taghha sakemm isir is-smiegħ tar-rikors odjern kif ukoll dak bin-numru 581/23;*

2. *Tisma' u tiddeċiedi ir-rikors odjern kontestwalment mar-rikors fl-atti tal-Mandat ta' Arrest Kawtelatorju bin-numru 581/2023 fl-ismijiet fuq premessi;*

3. *Tirrevoka għal kollox l-ittra ufficjali 2427/2023 u/jew l-effetti tal-ezegwibbilta' tal-ittra ufficjali 2427/2023 ghar-ragunijiet fuq premessi.*

U dan wara li ppremetta is-segwenti:

1. *Illi l-esponenti nomine qiegħed jintavola l-proċedura odjerna ai termini tal-Artikolu 281 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fil-konfront tal-ittra ufficjali odjerna bin-numru 2427/2023 li giet prezentata fit-tmienja (8) ta' Gunju tal-istess sena* (Kopja tal-imsemmija ittra ufficjali qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument 'AC2'**);

2. Illi fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), fuq talba tal-istess soċjeta' attriċi nħareġ mandat ta' arrest kawtelatorju bin-numru 870/23 fl-ismijiet premessi u kontra l-bastiment esponenti fl-ammont ta' tmienja u tletin miljun disa' mija tmienja u tletin elf ħames mija u tmintax-il Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€38,938,518.22) rappreżentanti kapital fl-ammont ta' seba' u tletin miljun disa' mija sitta u tmenin elf erba' mija tmienja u sittin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€37,986,468.48) kif ukoll imgħax dovut sas-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) fl-ammont ta' disa' mija disa' u erbgħin elf ħames mija wieħed u sebgħin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€949,571.15) (Kopja tal-mandat qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument** '**AC3**');

3. Illi l-esponenti *nomine* oġġezzjonaw bil-qawwa kollha għal ħrug tal-mandat surreferit u dan permezz ta' rikors bin-numru 581/2023 li gie pprezentat nhar it-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023) fl-ismijiet premessi *ai termini* tal-Artikolu 836(1) *et seq.* tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Kopja tal-istess rikors qed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dokument** '**AC4**'). F'dan ir-rikors, gew elenkati s-segwenti ragunijiet u talbiet:

   *1. Illi l-esponenti nomine qiegħed jintavola l-proċedura odjerna ai termini tal-Artikolu 836(1) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), fuq talba tas-soċjeta' attriċi nħareġ mandat ta' arrest kawtelatorju bin-numru 870/23 fl-ismijiet premessi u kontra l-bastiment esponenti fl-ammont ta' tmienja u tletin miljun disa' mija tmienja u tletin elf ħames mija u tmintax-il Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€38,938,518.22) rappreżentanti kapital fl-ammont ta' seba' u tletin miljun disa' mija sitta u tmenin elf erba' mija tmienja u sittin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€37,986,468.48) kif ukoll imgħax dovut sas-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) fl-ammont ta' disa' mija disa' u erbgħin elf ħames mija wieħed u sebgħin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€949,571.15);*

*3. Illi l-esponenti nomine qiegħed joġġezzjona bil-qawwa kollha għal ħrug tal-mandat surreferit u għandu jiġi revokat għas-segwenti raġunijiet;*

*4. Illi fid-disa' (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), is-socjeta' esponenti ressqet talba ai termini tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 2019/1023 (direttiva dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (Direttiva dwar ir-ristrutturar l-insolvenza) quddiem it-Tribunale di Bari, Quarta Sezione Civile. Fil-fatt, permezz ta' digriet moghti fit-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) mit-Tribunale di Bari, Quarta Sezione Civili, gie ordnat is-segwenti:*

- *assegna termine di sessanta giorni entro il quale il debitore potrà depositare la proposta di concordato preventivo con il piano, l'attestazione di veridicità dei dati e di fattibilità e la documentazione di cui all'articolo 39, commi 1 e 2, oppure la domanda di omologazione degli accordi di ristrutturazione dei debiti, con la documentazione di cui all'articolo 39, comma 1, oppure la domanda di omologazione del piano di ristrutturazione di cui all'articolo 64-bis, con la documentazione di cui all'articolo 39, commi 1 e 2; 4 - nomina commissari giudiziali l'avv. Paola Zaurito ed il dott. Nicola Notarnicola, disponendo che questi riferiscano immediatamente al tribunale su ogni atto di frode ai creditori non dichiarato nella domanda ovvero su ogni circostanza o condotta del debitore tali da pregiudicare una soluzione efficace della crisi ed autorizzando i medesimi al compimento delle attività previste dall'art.49, comma 3, lett. f);*

- *dispone che l'istante:*

  *a)depositi ogni trenta giorni, sino alla scadenza del termine fissato, una relazione riepilogativa della situazione patrimoniale, economica e finanziaria che, entro il giorno*

*successivo, sarà iscritta nel registro delle imprese su richiesta del cancelliere;*

*b)depositi con la medesima periodicità una relazione di sintesi sull'attività compiuta ai fini della predisposizione della proposta e del piano, rappresentando il compimento degli atti di ordinaria e straordinaria amministrazione;*

*il tutto sotto la vigilanza del commissario giudiziale;*

*ordina all'istante il versamento, entro un termine perentorio non superiore a dieci giorni, di una somma per le spese della procedura, quantificata in € 40.000,00.*

*La somma dovrà essere versata su c/c bancario intestato alla società in concordato preventivo, in persona dei Commissari Giudiziali, da aprirsi presso un Istituto di Credito prescelto dalla proponente. Manda alla Cancelleria gli adempimenti di rito*

*Così deciso in Bari camera di Consiglio del 18.5.2023*

*Kopja tal-imsemmi digriet qed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dokument 'B'**.*

*5. Illi permezz ta' digriet addizzjonali mogħti fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) mit-Tribunale di Bari, Quarta Sezione Civili, ġie ordnat ulterjorment illi kwalunkwe kreditur huwa pprojbit milli jressaq kwalunkwe azzjoni eżekuttiva u/jew kawtelatorja kontra s-soċjeta' Morfini S.p.A, l-assi tagħha u/jew assi kummerċjali pertinenti lis-soċjeta' Morfini S.p.A għal perjodu ta' mija u għoxrin (120) jum li jiskattaw mid-data tal-imsemmi digriet (kopja tad-digriet anness u mmarkat bħala Dokument "C");*

*6. Illi ghandu jinghad illi s-socjeta' attrici hija ben konsapevoli tal-proceduri li hemm ghaddejja quddiem it-Tribunale di Bari kif ukoll tad-digrieti li qed jinghataw mill-fora estera u dan ghaliex dejjem kienet debitament rapprezentata ghall-imsemmija proceduri;*

*7. Illi jirrizulta illi s-socjeta' attrici m'ottemporatx ruhha mad-digriet surreferiti tant li pprocediet bil-mandat odjern ben hamest' ijiem wara li nghata d-digriet relattiv;*

*8. Illi r-rikorrenti kellhom ghal darb' ohra jirrikorru quddiem it-Tribunale di Bari sabiex jinfurmaw lis-sede estera bil-hrug tal-mandat odjern li kien inhareg b'disprezz tal-Qorti, u permezz ta' digriet iehor moghti fil-hamsa (5) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), it-Tribunale di Bari ddikjara s-segwenti:*

*Va osservato in diritto che il Regolamento Comunitario UE n. 848/2015, come modificato dal Reg. UE n.2260/2021, direttamente applicabile negli Stati membri conformemente ai trattati, che ha regolato, a livello comunitario, le procedure d'insolvenza, secondo la previsione dell'art.1, si applica alle procedure concorsuali disciplinate dalle norme in materia di insolvenza ed in cui, a fini di salvataggio, ristrutturazione del debito, riorganizzazione o liquidazione, a) un debitore è spossessato, in tutto o in parte, del proprio patrimonio ed è nominato un amministratore delle procedure di insolvenza, b) i beni e gli affari di un debitore sono soggetti al controllo o alla sorveglianza di un giudice, oppure c) una sospensione temporanea delle azioni esecutive individuali è concessa da un giudice o per legge al fine di consentire le trattative tra il debitore e i suoi creditori.*

*Le procedure in questione sono elencate nell'allegato A del Regolamento e, tra queste, relativamente all'Italia, è compreso il concordato preventivo.*

*L'art.3 dispone inoltre che sono competenti ad aprire la procedura d'insolvenza i giudici dello Stato membro nel cui territorio è situato il centro degli interessi principali del debitore («procedura principale di insolvenza»). Per le società e le persone giuridiche si presume che il centro degli interessi principali sia, fino a prova contraria, il luogo in cui si trova la sede legale, salva in ogni caso la possibilità che venga aperta una procedura (secondaria) in altro Stato membro limitata ai beni del debitore presenti su tale diverso territorio.*

*L'art. 7 del regolamento prevede, inoltre, espressamente che si applica alla procedura di insolvenza e ai suoi effetti la legge dello Stato membro nel cui territorio è aperta la procedura (lo «Stato di apertura») che ne determina le condizioni di apertura, lo svolgimento e la chiusura.*

*In particolare la legge dello Stato, tra gli altri, determina: ….. c) i poteri, rispettivamente, del debitore e "dell'amministratore delle procedure di insolvenza" (con riferimento al quale, per quanto attiene l'Italia, l'allegato B include la figura del Commissario Giudiziale); ….….f) gli effetti della procedura d'insolvenza sulle azioni giudiziarie promosse da singoli creditori, salvo che per i procedimenti giudiziari pendenti.*

*L'art. 19 prevede altresì che … "La decisione di apertura della procedura di insolvenza da parte di un giudice di uno Stato membro competente in virtù dell'articolo 3, è riconosciuta in tutti gli altri Stati membri dal momento in cui essa produce effetto nello Stato di apertura".*

*Infine, il Regolamento comunitario prevede all'art. 20 che la decisione di apertura di una procedura di insolvenza di cui all'articolo 3, paragrafo 1, produce in ogni altro Stato membro, senza altra formalità, gli effetti previsti dalla legge dello Stato di apertura, salvo disposizione contraria del presente regolamento e fintantoché, non è aperta alcuna procedura di cui all'articolo 3, paragrafo 2 in tale altro Stato membro.*

*Nel caso di specie, dunque, posto che le misure protettive conseguite in data 16.5.2023, per effetto dell'iscrizione della domanda nel registro delle imprese, sono state confermate, per la durata di 120 giorni, con decreto del 19.5.2023, iscritto nel medesimo registro il 23.5.2023, gli effetti di tale protezione, in forza della richiamata disciplina internazionale, vanno riconosciuti in ogni altro stato membro, ivi compresa Malta.*

*Da tanto discende che il provvedimento di "arresto della nave" della Corte maltese del 23/5/2023 (all. 4 all'istanza presentata dalla Società), concesso su richiesta del 22/5/2023 (all. 3 dell'istanza presentata dalla Società) in presenza di misure protettive previste dalla legge italiana, sia privo di effetti e non opponibile alla società Morfini, con conseguente automatico sblocco della M/C Dominia e facoltà di ripresa della circolazione.*

*L'iter processuale previsto per la conferma delle misure protettive richieste con istanza ex artt. 54 comma 2-55 comma 3 CCI, che esclude l'instaurazione del contraddittorio con i creditori interessati dai provvedimenti concessi, esime anche in questa sede dall'instaurazione di percorsi interlocutori.*

*Dovendo in questa sede il Tribunale valutare esclusivamente gli effetti delle concesse misure protettive, nessun altro provvedimento va adottato.*

*P.Q.M.*

*1) dichiara che il provvedimento di "arresto della nave" della Corte maltese del 23/5/2023, concesso su richiesta del 22/5/2023, in presenza delle misure protettive confermate con decreto del 19.5.2023 ed iscritto il 23.5.2023, è privo di effetti e non opponibile alla società Morfini s.p.a.;*

*2) da atto del conseguente automatico sblocco della M/C Dominia e della facoltà di ripresa della circolazione.*

*Illi in vista tas-suespost, huwa evidenti illi s-socjeta' attrici ma kellha qatt tressaq il-mandat odjern fil-konfront tal-bastiment esponenti u*

*dan ghaliex kienet ben edotta tal-ordnijiet li kienu nghataw mit-Tribunale di Bari. Kopja tal-ahhar digriet qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'D';*

*9. Illi b'zieda mal-premess, ghandu jigi sottolineat illi whud mill-ghanijiet tar-Regolament 2015/848 tal-Parlament Ewropew jinkludu s-segwenti:*

*(4) L-attivitajiet tal-impriżi ghandhom iżjed u iżjed effetti transkonfinali u ghalhekk jigu dejjem aktar regolati bil-ligi tal-Unjoni. L-insolvenza ta' dawn l-impriżi taffettwa wkoll il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, u hemm il-htiega ghal att tal-Unjoni li jkun jehtieg il-koordinazzjoni tal-miżuri li ghandhom jittiehdu rigward l-assi tad-debitur f'każ ta' falliment.*

*(5) Biex is-suq intern jiffunzjona sew, hu necessarju li jigu evitati incentivi ghall-partijiet biex jittrasferixxu assi jew proþedimenti gudizzjarji minn Stat Membru ghall-iehor, bil-hsieb li jiksbu pożizzjoni legali aktar favorevoli ghad-detriment tal-korp generali tal-kredituri (forum shopping).*

*(6) Dan ir-Regolament ghandu jinkludi dispożizzjonijiet li jirregolaw il-gurisdizzjoni ghall-ftuh ta' procedimenti ta' insolvenza u azzjonijiet li jkunu gejjin direttament mill-procedimenti ta' insolvenza u jkunu marbutin maghhom mill-qrib. Dan ir-Regolament ghandu jkun fih ukoll dispożizzjonijiet rigward ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi mahruga f'tali procedimenti, u dispożizzjonijiet rigward il-ligi applikabbli ghall-procedimenti ta' insolvenza. Barra minn hekk, dan ir-Regolament ghandu jistipula regoli dwar il-koordinament tal-procedimenti ta' insolvenza li jirrelataw mal-istess debitur jew ma' diversi membri tal-istess grupp ta' kumpaniji.*

*(11) Dan ir-Regolament ghandu japplika wkoll ghal proþeduri li jaghtu sospensjoni temporanja fuq azzjonijiet ta' infurzar migjuba minn kredituri individwali fejn tali azzjonijiet jistghu jaffettwaw hażin in-negozjati u jxekklu lprospetti ta' ristrutturar tan-negozju tad-debitur. Tali proceduri ma ghandhomx ikunu detrimentali ghall-korp generali tal-kredituri u, jekk ma jkun jista' jintlahaq ftehim dwar pjan ta' ristrutturar, ghandhom ikunu preliminari ghal proceduri ohra koperti b'dan ir-Regolament.*

10. *Illi l-esponenti nomine qed jipprovdi wkoll dikjarazzjoni guramentata maghmula mill-Avukati Vittorio Tarsia u Fabrizio Lofoco li qed jassistu lill-esponenti bil-proceduri gudizzjarji ntavolati quddiem it-Tribunale di Bari. Din qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dokument 'E';***

11. *Illi mid-dikjarazzjoni surreferita, jirrizulta carament illi s-socjeta' esponenti estera Morfini SpA bdiet proceduri ta' ristrutturar gewwa l-Italja u dana stante li s-sede tal-imsemmija socjeta' nkluz l-assi taghha huma registrati*

*gewwa l-Italja. Dan sar ai termini tal-Artiklu 3(1) ta-Regolament surreferit li jistipula s-segwenti:*

*1 Il-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tieghu jkun jinsab ic-centru tal-interessi prinþipali tad-debitur ghandu jkollhom il-gurisdizzjoni biex jifthu l-procedimenti tal-insolvenza ("il-proþedimenti prinþipali ta' insolvenza"). Ic-centru tal-interessi prinþipali ghandu jkun il-post fejn id-debitur iwettaq l-amministrazzjoni tal-interessi tieghu fuq bażi regolari u li jista' jigi accertat minn partijiet terzi.*

*Fil-każ ta' kumpannija jew persuna uridika, il-preżunzjoni tkun li l-post tal-ufficcju rregistrat ikun ic-centru tal-interessi prinþipali tieghu fin-nuqqas ta' prova kuntrarja. Dik il-preżunzjoni ghandha tapplika biss jekk l-ufficcju rregistrat ma jkunx iccaqlaq ghal Stat Membru iehor fi żmien perjodu ta' tliet xhur qabel it-talba ghall-ftuh ta' proþedimenti ta' insolvenza.*

*L-Artiklu 7 tal-istess Regolament jiddisponi wkoll is-segwenti:*

*1. Hlief fejn ipprovdut b' mod iehor f'dan ir-Regolament, il-ligi applikabbli ghal procedimenti ta' insolvenza u l-effetti taghhom ghandha tkun dik tal-Istat Membru li fit-territorju tieghu tinfetah tali proþedura, (l-"Istat tal-ftuh tal-procedimenti").*
*2. Il-ligi tal-Istat tal-ftuh tal-procedimenti ghandha tiddetermina l-kondizzjonijiet tal-ftuh ta' dawk il-procedimenti, il-manjiera taghhom u l-gheluq taghhom. Ghandha tiddetermina b' mod partikolari:*
*(a) id-debituri li kontrihom jistghu jingiebu l-procedimenti ta' insolvenza abbażi tal-kapacità taghhom;*
*(b) l-assi li jiffurmaw parti mill-patrimonju tal-insolvenza u t-trattament tal-assi akkwistati minn jew li jmissu lid-debitur wara l-ftuh tal-procedimenti ta' insolvenza;*
*(c) il-poteri rispettivi tad-debitur u tal-prattikant fl-insolvenza;*
*(d) il-kondizzjonijiet li bihom tista' tigi invokata t-tpacija;*
*(e) l-effetti tal-procedimenti ta' insolvenza fuq kuntratti kurrenti li minnhom id-debitur jaghmel parti;*
*(f) l-effetti tal-procedimenti ta' insolvenza fuq il-procedimenti migjuba minn kredituri individwali, bl-eccezzjoni ta' kawżi pendenti;*
*(g) il-pretensjonijiet li jkunu gew ippreżentati kontra l-patrimonju tal-insolvenza tad-debitur u t-trattament tat-talbiet li joriginaw wara l-ftuh tal-procedimenti ta' insolvenza;*
*(h) ir-regoli li jirregolaw il-preżentazzjoni, il-verifika u l-ammissjoni tal-pretensjoni;*
*(i) ir-regoli li jirregolaw id-distribuzzjoni ta' rikavat mit-tisrif tal-assi, il-gradazzjoni ta' pretensjonijiet u d-dritt tal-kredituri li gew parzjalment sodisfatti wara l-ftuh tal-procedimenti ta' insolvenza bis-sahha tad-dritt in rem jew permezz ta' tpacija;*
*(j) il-kundizzjonijiet ghal, u l-effetti tal-gheluq ta' procedimenti ta' insolvenza, b'mod partikolari b'kompożizzjoni;*
*(k) id-drittijiet tal-kredituri wara l-gheluq ta' proþedimenti ta' insolvenza;*
*(l) min ghandu jaghmel tajjeb ghall-kostijiet u l-ispejjeż involuti fil-procedimenti ta' insolvenza;*
*(m) ir-regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' invalidità, invalidabilità u nuqqas ta' eżegwibilità ta' atti guridiþi detrimentali ghall-korp generali tal-kredituri.*

*Illi ghandu jinghad ukoll illi ghalkemm ir-Regolament tramite l-Artiklu 8 jipprovdi wkoll ghall-drittijiet in rem ta' kredituri, l-esponenti jissottolinea illi dan l-Artiklu ma jistax jigi nvokat gialadarba t-Tribunale di Bari kkonceda t-termini legali sabiex tigi sottomessa d-dokumentazzjoni ndikata fid-digriet tat-tmintax (18) ta' Mejju. Dan il-perjodu huwa necessarju sabiex id-debitur ossia s-socjeta' esponenti Morfini SpA tkun tista' tipprovdi pjan ta' strutturar fir-rigward tad-dejn li ghandu jithallas lill-kredituri kollha u biex hadd mill-kredituri ma jivvanta ruhu fuq kredituri ohrajn minghajr ma jsir il-pjan ta' strutturar kif koncess mis-sede estera.*

*L-Artiklu 19 tal-istess Regolament ukoll jipprovdi illi:*

1. *Kwalunkwe sentenza li tiftah il-procedimenti ta' insolvenza moghtija minn qorti ta' Stat Membru li jkollu l-gurisdizzjoni skont l-Artikolu 3 ghandu jkun rikonoxxut fl-Istati Membri kollha mill-waqt li jsir effettiv fl-Istat tal-ftuh tal-procedimenti.*

*Filwaqt illi l-Artiklu 20 tal-istess Regolament jipprovdi wkoll illi:*

1. *Is-sentenza li tiftah il-procedimenti ta' insolvenza msemmija fl-Artikolu 3(1) ghandha, minghajr formalitajiet ulterjuri, tipproduci l-istess effetti fi kwalunkwe Stat Membru iehor taht il-ligi tal-Istat li jiftah il-procedimenti, dment li dan ir-Regolament ma jipprovdix mod iehor u sakemm ma jinfethux procedimenti msemmija fl-Artikolu 3(2) f'xi Stat Membru iehor.*

   *Gialadarba huwa r-Regolament innifsu li jipprovdi specifikament illi l-provvedimenti moghtija mill-fora Taljana huma awtomatikament applikabbli lokalment stante li jipproducu l-istess effetti, l-esponenti jinsistu illi l-agir tas-socjeta' attrici huwa wiehed irregolari u vessatorju. B'zieda ma' dan, l-Artikolu 23 ukoll jipprovdi ghal kazijiet fejn l-allegat kredituri jippussesaw ruhhom mill-assi tad-debitur fejn jigi provdut illi:*

1. *Kreditur li, wara l-ftuh tal-procedimenti msemmija fl-Artikolu 3(1), jakkwista bi kwalunkwe mezz, b' mod partikolari permezz ta' infurzar, sodisfazzjoni totali jew parzjali tal-pretensjoni tieghu fuq l-assi li jappartjenu lid-debitur li jkun jinsab fit-territorju ta' Stat Membru iehor, ghandu jrodd lura lill-prattikant fl-insolvenza dak li jkun gie akkwistat, soggett ghall-Artikoli 8 u 10.*

   *Illi ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha l-obbligu li tirrilaxxa l-bastiment de quo stante li qeghda tikser kemm l-ordni moghtija mit-Tribunale di Bari kif ukoll id-disposizzjonijiet tar-Regolament surreferit.*

   *Finalment ghandu jinghad illi l-Artiklu 33 tar-Regolament surreferit jipprovdi illi:*

   *Kwalunkwe Stat Membru jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi procedimenti ta' insolvenza miftuha fi Stat Membru iehor jew li jinfurza sentenza moghtija fil-kuntest ta' tali procedimenti meta l-effetti ta' tali rikonoxximent jew*

*infurzar ikunu manifestament kontra l-politika pubblika ta' dak l-Istat, b'mod partikolari l-principji fundamentali tieghu jew id-drittijiet kostituzzjonali u l-libertajiet tal-individwu.*

*Illi ghandu jinghad illi l-Artiklu surreferit certament ma jistax jigi applikat gialadarba illi l-ordnijiet moghtija mis-sede estera huma rikonoxxuti lokalment tramite d-disposizzjonijiet tar-Regolament surreferit minghajr il-htiega ta' formalitajiet ohra kif ukoll minhabba l-fatt li l-ebda mill-ordniiet moghtija ma huma kontra l-politika pubblika ta' Malta u wisq anqas jilledu d-drittijiet fundamentali u jew drittijiet kostituzzjonali tal-attrici.*

12 *Illi s-soċjeta' Taljana Morfini S.p.A hija socjeta' registrata gewwa l-Italja u hija propjetarja tal-bastiment M/V Dominia, kif jirriżulta mill-Memorandum and Articles of Association u mit-Transcript of Registry annessi u mmarkati bħala* ***Dokumenti "F" u "G"*** *rispettivament;*

13 *Illi dan ir-rikors qed jsir ai termini tal-Artiklu 836(1) (a) u (f) tal-Kapitlu 12 ta' Malta u dana stante li f'dan l-istadju, ġie ppruvat illi l-att kawtelatorju m'huwiex enforzabbli u anke stante li f'dawn ic-cirkustanzi, m'huwiex ragonevoli li l-att kawtelatorju odjern jibqa' in vigore fl-intier tieghu u wisq anqas huwa gustifikat;*

14 *Illi b'żieda mal-premess, l-esponenti nomine jagħmel referenza wkoll għas-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-3 ta' April 2008 fl-ismijiet:* ***Pauline Vassallo noe vs The Eden Foundation et. (Rik. Nru 1256/2007****), fejn il-Qorti rriteniet is-segwenti:*

*Illi l-Qrati taghna dejjem gharfu wkoll li l-jedd li wiehed idur ghal rimedji gudizzjarji ma ghandux jitbiddel f'abbuz talprocedura bil-hsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragh, igib lill-parti avversarja f'qaghda li jkollha ccedi ghar-rikatt, ghandha jew m'ghandhiex ragun. Kien ghalhekk ukoll li filqafas ta' kwistjoni ta' din l-ghamla, il-Qrati taghna, minn zmien ghal zmien, fissru l-limiti u c-cirkostanzi dwar fejn u kif jista' jitqies li jkun sehh abbuz mill-process gudizzjarju bi hsara ghal haddiehor. F'dan id-dawl ta' min jghid li "non era necessario che chi faceva istanza per la spedizione di un mandato cautelatorio avesse effettivamente il diritto che egli intendeva cautelare, essendo sufficiente che egli in buona fede credesse avere un simile diritto, al che rispondeva la parola 'pretensione";*

*Illi ghalhekk, il-fatt wahdu li persuna tkun bdiet procedura (maghduda maghha l-hrug ta' Mandat biex jikkawtelaw dik l-azzjoni) li, wara l-istharrig tal-Qorti, ma tigix milqugha, ma jfissirx b'daqshekk biss li kull procedura kienet saret b'abbuz tad-dritt li tirrikorri lejn il-Qorti;*

*Illi, generalment, l-abbuz mill-procedura gudizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nfisha. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed labbuz tal-process gudizzjarju. F'dan ir-rigward inghad li ghalkemm ir-ragunijiet li ghalihom min ikun talab u kiseb il-hrug ta' Mandat kawtelatorju jista' jinsab hati ghad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' cirkostanzi msemmija*

*fl-artikolu 836(8), taht ir-regoli generali tar-responsabbilta' 10 irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuragni jew nuqqas ta' hsieb ta' missier tajjeb talfamilja."*

*Din il-Qorti diversament preseduta f'Blye Engineering Co. Ltd. (vs) Paolo Bonnici Ltd. 7/7/04 (Citaz. nru. 492/02 TM).*

*Illi kif qalet ukoll l-abbuz tal-process gudizzjarju "jigi riskontrat biss f'kazijjiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' (Emanuele Calleja (vs) Carmelo Grima - Kollez. VoL XXXIX.1.24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza ("Agius (vs) Dott. Carbone nomine" – Kollez. VoL XIII.434), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite" ("Mugliette (vs) Bezzina" - Kollez. Vol. XXVI.1.405);*

*Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-*

*"Il diritto cessa dove comincia l'abbuso ... ... riteniamo che basta, per protteggere tutti I'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa: di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti", Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi "chi agisce in mala fide od inseguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un'indemnita' al suo avversario ... ..." (Baudry - Lacantinerie - Trattato Prattico di Diritto Civile - Della Obligazioni - Vol. VI. Pg. 560).*

*Din il-Qorti, kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Raymond Pace, fil-kawza "S N Properties Ltd (vs) Camilleri" deciza fis-6 ta' Gunju, 2000, kienet ukoll ta' l-istess fehma. F'dik il-kawza intqal li:*

*"minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa intiz, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza konstanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess emendi, ma jkun hemm abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana".*

*"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali kazijiet ma eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq riferita fissentenzi citati ai termini tal-Artikolu 1031 tal-Kap 16, dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero' in verita' u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta' Mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess Artikolu 836(9). Dan ghaliex l-istess artikolu introdott billigi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati fil-gurisprudenza ta' qabel in materia, dwar l-ezercitazzjoni ta' azzjoni ta' danni wara il-hrug ta' mandat kawtelatorju, u minn ezami tal-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficli li wiehed*

*jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati flistess Artikolu 836, fejn l-azzjoni in generali tista' tirnexxi".*

*Mill-premess, jidher, li l-pozizzjoni aktar akkredita hija dik abbraccjata minn din il-Qorti f'din il-kawza, u cioe', li rresponsabilita' ghad-danni, naxxenti minn proceduri gudizzjali issib il-limitazzjoni taghha fl-artikolu 836(8) talKap. 12, b'zieda li tista' wkoll tiddependi mill-vessatorjeta' u/jew il-mala fede ta' dak li jkun nieda dawk il-proceduri. Din hi l-pozizzjoni li hadet din il-Qorti, kif presjeduta, filkawza "Sammut (vs) Sammut", deciza fil-5 ta' Gunju, 2003, u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), kompetenza Superjuri, fil-kawza "Rapa et (vs) Refalo et" deciza fl-24 ta' Ottubru, 2003.*

2. *Illi mill-provi mressqa mill-bastiment esponenti, jirriżulta illi* ***l-mandat ta' arrest kawtelatorju bin-numru 870/22 maħruġ mis-soċjeta' attriċi fl-ismijiet premessi kontra r-rikorrenti huwa frivolu u vessatorju kif ukoll magħmul b'qerq de parte s-soċjeta' attriċi;***

3. *Illi in vista tar-raġunijiet premessi, l-esponenti nomine qed jinvoka wkoll l-Artikolu 836(8)(d), l-Artikolu 836(9) kif ukoll l-Artikolu 861 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba l-preġudizzju soffert mis-socjeta' u l-bastiment esponenti;*

*Għaldaqstant l-esponenti nomine umilment jitlob bir-rispett lill dina l-Onorabbli Qorti sabiex –*

*1. Tissospendi urgentement l-effetti kollha tal-Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar 'il fuq minn għaxar metri (Kawtelatorju) Nru. 870/23 fl-ismijiet fuq premessi sakemm isir is-smiegħ ta' dan ir-rikors;*

*2. Tiddikjara li l-att kawtelatorju bin-numru 870/23 m'għadux iktar fis-seħħ ai termini tal-Artiklu 836(1)(a) tal-Kapitlu 12;*

*3. Tiddikjara li l-mandat t'arrest kawtelatorju bin-numru 870/23 jew parti minnu, mhux raġonevoli li jinżamm fis-seħħ jew li dan il-mandat jew parti minnu mhux aktar meħtieg jew ġustifikabbli, u dan ai termini tal-Artiklu 836(1)(f) tal-Kapitlu 12;*

*4. Tirrevoka konsegwentement l-mandat t'arrest kawtelatorju bin-numru 870/23 in toto jew in parti u dana taħt dawk il-kundizzjonijiet li tqis xierqa;*

*5. F'każ li ma jintlaqgħux talbiet (1) sa (4), tordna lis-socjeta' attriċi sabiex tagħti, f'terminu li għandu jigu stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali u ta' danni u imgħax u, fin-nuqqas li tneħħi l-mandat t'arrest odjern, u dan ai termini tal-Artiklu 838A tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*U dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jogħgobha xieraq li timponi.*

17 Illi permezz ta’ digriet moghti fit-tmienja (8) ta’ Gunju fl-atti tar-rikors bin-numru 581/2023 ISB, din l-Onorabbli Qorti ordnat in-notifika tal-istess b’gimgha zmien ghar-risposta. Kopja tad-digriet qed jigi hawn anness u mmarkat bhala **Dokument ‘AC5**);

18 Illi l-iskop tal-ittra ufficjali odjerna mressqa mis-soċjeta attriċi huwa sabiex tirrendi l-*First Priority Mortgage* mertu tal-mandat t’arrest kawtelatorju u li gie iskritt fir-registru tal-bastiment fis-sbatax (17) ta’ Gunju tas-sena elfejn u disa’ (2009) ezegwibbli bhala att ezekuttiv, biex b’hekk tkun tista’ tipprocedi wkoll bil-bejgh approvat mill-Qorti tal-bastiment *de quo* jew anke bil-bejgh fl-irkant;

19 Illi kif gie elenkat fir-rikors odjern u anke fir-rikors bin-numru 581/2023, il-fatt li s-socjeta’ esponenti estera Morfini SpA bdiet proceduri ta’ ristrutturar gewwa l-Italja ai termini tar-Regolament 848/2015, kif ukoll il-fatt illi nharget ordni specifika mit-Tribunale di Bari li tipprojbixxi kwalunkwe azzjoni kawtelatorja u anke ezekuttiva fuq il-patrimonju tas-socjeta’ esponenti, u anke minhabba l-fatt illi gie ddikjarat illi l-mandat kawtelatorju mahrug mill-attrici huwa wiehed bla effett in vista tal-mizuri protettivi akkordati lis-socjeta’ esponenti Morfini, lkoll juru fuq livell ta’ *prima facie* li l-esponenti qed igarrab pregudizzju kbir stante li qed tigi ostakolata milli tipprocedi bil-proceduri ta’ strutturar li gew inizjati gewwa l-Italja bl-intavolar tal-mandat u tal-ittra ufficjali odjerna;

20 Illi huwa evidenti li l-attrici qed tittenta *forum shopping* nonostante li giet ordnata specifikament biex ma tibdiex proceduri kawtelatorji u anke dawk ezekuttivi in vista tal-perjodu ta’ strutturar moghti lill-esponenti fis-sede estera. Dan il-*forum shopping* qed jilledi d-drittijiet tal-esponenti u anke dawk ta’ kredituri ohra tal-esponenti li certament ghandhom interess li l-esponenti tipprovdi d-dokumenti ta’ strutturar mitluba mis-sede estera u dan sabiex jigi accertat li l-pjan ta’ strutturar huwa wiehed idoneju kemm ghad-debitur kif ukoll ghall-kredituri **kollha** u mhux ghall-attrici biss;

21 Illi l-procedura kontemplata fl-Artiklu 281 tal-Kapitlu 12 hija wahda specjali – pero’ jirrizulta carament illi l-esponenti qed tbati pregudizzju kbir bil-proceduri ntavolati mill-attrici liema proceduri qed jippregudikaw il-pjan ta’ strutturar kollu, apparti l-fatt illi l-istess proceduri gew intavolati b’disprezz lejn is-sede estera;

22 Illi ghandu jigi sottolineat ulterjorment illi l-pjan ta’ strutturar jiddependi wkoll fuq l-operat tal-bastiment tal-esponenti li fil-prezent huwa mizmum fl-ibhra territorjali u li allura tali arrest diga’ qed jikkrea pregudizzju kbir lill-esponenti stante li ma jistawx jonoraw l-obbligi kuntrattwali minnhom assunti versu terzi;

23 Illi mill-provi mressqa mill-esponenti, jirriżulta illi kemm **l-mandat ta’ arrest kawtelatorju bin-numru 870/22 kif ukoll l-ittra ufficjali odjerna maħruġa mis-soċjeta’ attriċi fl-ismijiet premessi kontra l-esponenti huma rregolari u vessatorji kif ukoll magħmula b’qerq da parte s-**

**<u>soċjeta' attriċi stante li jmorru kontra ordnijiet mahruga minn sede estera;</u>**

24 Illi ghalhekk, l-esponenti ghandhom raguni valida skont il-ligi u ghalhekk qeghdin jintavolaw dan ir-rikors *ai termini* tal-Artikolu 281 *et seq.* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-digrieti taghha tat-12 ta' Gunju 2023 u tad-19 ta' Gunju 2023;

Rat **ir-Risposta** mressqa mill-Bastiment intimata fis-16 ta' Gunju 2023 minn **Nassau Maritime Holdings DAC** li permezz taghha laqghet ghar-rikors hekk:

Illi l-esponneti jopponu it-talbiet avvaznati bis-sahha tar-rikorsipprezentat mill-Kaptan Antonio Cilidonio fil-kwalita tieghu premessa.

**<u>Irritwalita u Nullita tar-Rikors</u>**

Illi fl-ewwel lok l-esponenti jeccepixxu n-nullita u l-irritwalita tar-rikors avvanzat mir-rikorrenti. Huwa evidenti illi it-talbiet avvanzati mir-rikorrenti huma msejsa fuq l-artiklu 281 et seq tal-Kap. 12. sabiex jirrevokaw t-titolu ezekuttiv illi l-esponenti ottjenew meta ntavolaw u nnotifikaw l-ittra ufficcjali tat-8 ta' Gunju 2023 li bis-sahha taghha l-*First Priority Mortgage* li jinsab registrat fir-registru tal-bastiment DOMINIA gie rez titolu ezekuttiv.

Illi huwa sottomess illi r-rimedju kontemplat fl-artiklu 281 tal-Kap. 12 mhuwiex intiz sabiex dina l-Qorti tkun tista tirrevoka titolu ezekuttiv izda semmai att ezekuttiv li jkun inhareg a bazi ta' titolu ezekuttiv. Kwindi it-talba kif proposta ma tistax tintlaqa' minn dina l-Qorti.

Illi b'digriet moghti moghtij minn dina l-Qorti fl-ismijiet <u>Maria armla ta' Carmela Zammit et vs A.C.K. Limited</u> fis-27 ta' Dicembru 2021 u kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Frar 2022 gie ritentut illi :-

"Skont il-ligi u l-gurisprudenza, qorti li quddiemha jitressaq rikors taht l-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta m'ghandhiex tidhol fil-mertu tan-natura tar-ragunijiet li wasslu ghall-hrug tal-mandat ( ara <u>L-Avukat Dr. Robert Zammit et vs Pierre Falzon et</u> deciz mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2018).

Dan hu hekk ghaliex l-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jolqot l-atti ezekuttivi u mhux it-titli ezekuttivi li bis-sahha taghhom ikun inhareg il-mandat esekuttiv (ara <u>Bank of Valletta plc v. Saviour Micallef</u> deciz mill-Qorti tal-Appell fil-18 ta' Frar 2020.)

Ta' min ifakkar ukoll hawnhekk li skont l-artikolu 276 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hadd ma jista' jaghmel opposizzjoni ghall-esekuzzjoni ta'

mandat hlief wara li tkun saret l-esekuzzjoni tieghu. Kemm hu hekk, intqal kemm-il darba li azzjoni taht l-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta mhijiex mahsuba biex tissospendi l-esekuzzjoni ta' titlu esekuttiv ( Ara Catherine Imperia Caruana v. Olena Caruana Verbytska deciz mill-Qorti tal-Appell fil-14 ta' Dicembru 2018)……………Il-Qorti terga' ttenni li l-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jolqot l-atti esekuttivi u mhux it-titli esekuttivi. Il-procedura taht l-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija sommarja, kif jixhdu wkoll it-termini qosra li timpani l-ligi ghad-decizjoni fuq rikors maghmul taht dak l-artikolu. Ghalhekk kif tajjeb intqal mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni Victor Fenech et v. Anthony Fountain et moghtija fit-30 ta' Novembru 2012, "Kwistjonijiet dwar il-proprjeta tl-hwejjeg milquta bil-mandat, li bhal fil-kaz tallum, iwasslu ghat-thassir mhux tal-mandat jew ta' parti minnu izda tal-ezekuzzjoni, jehtiegu stharrig aktar fit-tul li ma jistax isir fi smiegh sommarju."

Illi b'zieda mal-premess, tajjeb li jigi sottolinjat il-fatt illi sa' llum ma hemmx mandat ezekuttiv li gie mahrug in segwitu tat-titlu ezekuttiv ottjenut mill-esponenti ghalkemm l-esponnet jirrizervaw id-drittijet taghhom skont il-ligi f'dan ir-rigward.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti agixxew pjenament b'konformita assoluta mad-drittijiet li ghandhom skont il-ligi u t-titolu ezekuttiv illi ottjenww bis-sahha tal-imsmeija ittra ufficcjali huwa validu ghall-finijiet u effetti tal-ligi.

Illi kull tentattiv tal-kontro parti li tistrieh fuq proceduri esteri gewwa l-Qrati ta' Bari huwa minghajr bazi legali u kif ser jintwera, dawn il-proceduri l-Italja ma ghandhom ikollhom l-ebda effett fuq il-proceduri odjerni u fuq id-dritt illi s-socjeta esponenti tezercita u tezegwixxi d-drittijiet legittimi taghhom.

**Il-Kreditu ta' Nassau Maritime**

Illi l-kreditu tal-esponenti huwa naxxenti minn :-

1. Kuntratt ta' Self (*Loan Agreement*) datat 12 ta' Lulju 2007 maghmul bejn Morfini S.p.A u HSH Nordbank AG;

2. *First Priority Mortgage* ossia Ipoteka Navali li giet iskritta fir-registru tal-bastiment intimat M.T. DOMINIA, l-Italja, is-17 ta' Gunju 2009, ezegwit minn Morfini S.p.A a favur ta' HSH Nordbank AG;

3. Loan Assignment Agreement datat 21 ta' Gunju 2019 bejn Hamburg Commercial Bank AG (gja maghruf bl-isem ta' HSH Nordbank AG) u Promontoria Maritime Holdings DAC u Mortgage Assignment Deed datat 26 ta' Gunju 2009 u li bis-sahha tal-istess 'l fuq imsemmi self u mortgage fuq il-bastiment intimat gie ikkonfermat u dikjarat bhala vinkolanti fil-konfront tal-imsemmija socjeta Promontoria Maritime Holdings DAC. Din is-socjeta tal-ahhar bidlet isimha ghal Nassau Maritime Holdings DAC fid-9 ta' Jannar 2020 kif jirrizulta mill-anness certifikat mahrug mir-Registru tal-Kumpanniji gewwa l-Irlanda.

Illi in segwitu tal-mandat ta' arrest kawtelatorju numru 870/2023 mahrug fit-23 ta' Mejju 2023, l-esponenti ipprezenta ittra ufficcjali fit-8 ta' Gunju 2023 li giet debitament innotifikata lill-bastiment intimat dak in-nhar stess u li permezz taghha 'l fuq imsemmi First Prioroty Mortgage li jinsab registrat fir-registru tal-istess bastiment gewwa l-Italja gie rez titotu ezekuttiv. In effetti mal-imsemmija ittra ufficcjali gie anness parir legali datat 5 ta' Gunju 2023 moghti mill-Avukat Marco Paggini tad-ditta ta' avukati Vaudo Paggini & C, li jikkonferma fost hwejjeg ohra li l-ipoteka navali ossia l-*First Priority Mortgage* li gie registrat fis-17 ta' Gunju 2009 fir-registru tal-bastiment intimat jissodisfa r-rekwiziti legali elenkati fl-artiklu 49 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta b'dan ghalhekk illi l-imsemmi Mortgage esteru ghandu jigi rikonoxxut bhala ezegwibbli hawn Malta bhala ipoteka navali bl-istatus u drittijiet u s-setghat kollha specifikati fil-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk il-kreditu tas-socjeta esponenti fil-konfront tal-bastiment intimat huwa prezentement titolu ezekuttiv, liema kreditu sas-26 ta' Mejju 2023 kien jammonta ghal US$ 42,830,389.64, salvi imghaxijiet ulterjuri fuq il-kapital sal-pagament effettiv u liema ammont skont ir-rata tal-kambju vigenti jammonta ghal Euro 40,078,537.11.

**<u>Il-Proceduri quddiem il-Qorti ta' Bari</u>**

Illi qabel xejn u ghall-ahjar informazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, is-sidien tal-bastiment Morfini S.p.A ilhom snin mhux f'qaghda li jhallsu d-djun taghhom inkluz dak tas-socjeta esponenti.

Illi in effetti kien sar Restructuring Agreement bejn Morfini S.p.A u Hamburg Commercial Bank fis-26 ta' Lulju 2018, (liema Bank kellu il-kreditu in kwistjoni dak iz-zmien qabel ma gie assenjat lis-socjeta esponenti) u kredituri ohra u li bis-sahha tieghu kien intlahaq ftehim sabiex il-pagamenti dovuti jsiru skond il-ftehim milhuq. Minekkja dan, f'Dicembru 2020, Morfini S.p.A unilateralment waqfet tonora l-obbligi taghha a tenur tal-istess ftehim. Fil-15 ta' Lulju 2021, Morfini fethet proceduri ta' konkordat preventiv quddiem il-Qorti ta' Bari u in segwitu il-Qorti ordnat moratorium fis-sens illi krdituri ma setawx jipprocedi b'atti guddizzjarji fil-konfront ta' Morfini S.p.A fil-mori tal-istess proceduri. Izda kien biss fil-11 ta' Frar 2022 illi Morfini S.p.A ipprezentat lill-istess Qorti ta' Bari pjan ta' ristrutturar. Wara diversi differimenti, fi Frar tal-2023 il-kredituri ta' Morfini S.p.A nghataw l-opportunita li jivvotaw dwar il-pjan ta' ristrutturar sottomess lill-istess Qorti ta' Bari u fil-fatt il-maggjoranzi tal-kredituri ma approvawx l-istess pjan.

Illi minkejja l-fatt illi l-maggjoranza tal-kredituri ta' Morfini S.p.A ivvotaw kontra l-pjan ta' ristrutturar, l-ordni li nghatat mill-Qorti precedentement li tivvjeta lill-istess kredituri li jiehdu azzjoni fil-konfront ta' Morfini S.p.A u /jew l-assi taghha baqghet in vigore.

L-esponenti saru jafu illi xi kredituri ohra ta' Morfini S.p.A intavolaw proceduri ghall-falliment guddizjarju ta' Morfini S.p.A.

Illi f'Mejju tal-2023 Morfini S.p.A regghu ghal darba ohra intavolaw talba sabiex jintlaha konkordat iehor mal-massa ta' kredituri izda l-ebda pjan konkret ma gie sottomess lill-istess Qorti. B'digriet tat-18 ta' Mejju 2023, il-Qorti laqghet l-istess talba u ordnat illi tali pjan jigi sottomess lill-kredituri fi zmien sittin jum. Fid-19 ta' Mejju 2023 harget ordni ohra li permezz taghha ordnat divjet fil-konfront tal-kredituri li jiehdu kwalunkwe azzjoni fil-konfront ta' Morfini S.p.A u /jew l-assi taghha u dan ghal perjodi ta' mija u ghoxrin jum. Dan id-digriet tal-Qorti ta' Bari nghata fuq rikors *ex parte* ta' Morfini S.p.A u la s-socjeta esponenti u lanqas l-kredituri l-ohra ma kienu notifikati bih, wisq anqas nghataw xi opportunita li jintavolaw risposta ghall-istess talba. Kien biss fit-23 ta' Mejju 2023 li l-istess digriet pubblikat fir-registru tal-Qorti ta' Bari ghalkemm l-esponenti saru jafu bih biss fl-24 ta' Mejju 2023 in segwitu ta ittra mibghuta mill-avukati taljanti ta' Morfini S.p.A u cioe l-ghada li nhareg 'l fuq imsemmi mandat.

Illi l-premess qed jinghad sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha stampa shiha u cara tal-fatti u sabiex jintwera fl-ewwel lok illi s-socjeta esponenti flimkien mal-kredituri l-ohra ilhom snin jistennew hlas ta' dak dovut wara diversi tentattivi sabiex is-socjeta Morfini S.p.A tigi ristrutturata izda minghajr ebda success; fit-tieni lok sabiex jintwera illi s-socjeta esponent ma kenitx a konoxxenza tad-digriet moghti mill-Qorti ta' Bari fis- 19 ta' Mejju 2023 qabel l-24 ta' Mejju 2023.

Illi f'kull kaz u minkejja l-proceduri u l-ordnijiet mahruga mill-Qorti ta' Bari li fuqhom l-kontro parti jsejsu t-talbiet taghhom, dawn ma ghadhom l-ebda effetti fuq id-dritt illi s-socjeta esponenti tezegwixxi l-kreditu taghha li issa huwa munit b'titolu ezekuttiv Dan proprju ghaliex skont il-ligi l-proceduri quddiem il-Qrati ta' Bari ma huma ta' l-ebda xkiel jew ostaklu sabiex l-esponent jipprocedi sabiex jezegwixxi d-drittijiet tieghu fil-konfront tal-bastiment intimat.

**<u>L-Att Dwar il-Bastimenti Merkantili tal-1973 (Kap. 234)</u>**

Illi la darba l-kreditu tas-socjeta esponenti huwa kawtelat b'iskrizzjoni ta' First Priority Mortgage, isegwi minghajr ebda dubju illi l-kreditu jikkostiwixxi dritt in rem kif ukoll privilegg specjali u dan a tenur tal-artiklu 742 (B)(c)tal-Kap. 12 u l-artiklu 54 (3) tal-Kap. 234.

Illi huwa principju assodat tad-dritt Malti illi bastiment jikkostitwixxi patrimonju distint u separat mill-patrimonju tas-sidien tal-istess bastiment. Konsegwentement l-ebda proceduri ta' falliment ma ghandhom jostakolaw id-dritt ta' kredituri li jgawdu dritt in rem u/jew privilegg specjali li jezercitaw tali dritt fil-konfront tal-bastiment debitur minkejja l-falliment tas-sidien, xi proceduri ta' falliment jew sahanistra xi nomina ta' stralcjarju jew kuratur fallimentari.

L-Artiklu 37 A (1) tal-Kap. 234 jipprovdi hekk :-

Bastimenti u bcejjec ohra tal-bahar jikkostitwixxu klassi partikolari ta' mobbli li bihom jiffurmaw assi separati u distinti fil-proprjeta tas-sidien

taghhom ghall-garanzija ta' l-azzjonijiet u krediti li ghalihom ikun soggett il-bastiment. F'kaz ta' falliment ta' sid ta' bastiment, l-azzjonijiet u l-krediti kollha, li ghalihom ikun suggett il-bastiment, ghandhom fuq l-istess bastiment, preferenza fuq id-djun l-ohra kollha

L-Artiklu 37 C tal-Kap. 234 imbaghad jghid hekk :-

(1) L-ipoteki navali registrati kollha, kull privilegg specjali u l-azzjonijiet u krediti kollha li jista' jkun suggett ghalihom bastiment ma jintlaqtux mill-falliment tad-debitur ipotekarju jew tas-sid tal-bastiment, li jigri wara d-data li fiha tkun inholqot l-ipoteka navali jew il-privilegg specjali, l-azzjoni jew il-kreditu, minkejja l-fatt li s-sid fil-bidu tal-falliment kellu l-bastiment fil-pussess, taht l-ordni jew ghad-disposizzjoni tieghu, jew kien maghruf bhala s-sid tieghu, u dik l-ipoteka navali, privilegg, azzjoni jew kreditu ghandhom ikollhom preferneza, fuq l-imsemmi bastiment, fuq id-djun, krediti jew interessi l-ohra kollha ta' xi kreditur iehor tal-fallut jew ta' xi kuratur, trustee jew ricevitur li jagixxi f'isem xi kredituri ohra.

(2) Xi procedimenti ta' bejgh bil-qorti istitwiti minn xi kreditur ipotekarju registrat jew kreditur privileggjat ma ghandhomx jigu interrotti jew b'xi mod imfixxkla minn xi kuratur f'falliment, kemm volontarju kif ukoll obbligatorju, jew minn xi stralcjarju jew ricevitur ta' sid il-bastiment ghal kull kawza hlief kawza li tkun tista' tingieb mis-sid.

Illi l-posizzjoni fid-dritt Malti ma jistax ikun aktar cara.

**<u>Ir-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' mejju 2015 dwar procediment ta' insolvenza. ("ir-Regolament Ewropew")</u>**

Illi l-bazi tat-talbiet avvanzati mir-rikorrenti hija essenzjalment illi la darba l-"concordata preventivo" huwa wiehed mill-procediment indikati fl-iskeda mar-Regolament Ewropew, l-ordni mahruga mill-Qorti ta' Bari fid-19 ta' Mejju 2023 li giet iskritta fit-23 ta' Mejju 2023 ghandha effett dirett u awtomatiku fil-pajjizi stati membri tal-Unjoni Ewropea inkluz Malta u li konsegwentement l-esponent ma kellhomx l-ebda dritt li jikkawtela il-kreditu taghhom bil-hrug tal-mandat ta' arrest fil-konfront tal-bastiment intimat. Ir-rikorrenti jistriehu wkoll fuq digriet iehor tal-Qorti ta' bari tal-5 ta' Gunju 2023 li permezz tieghu l-istess Qorti taljana ippronunzjat ruhha dwar il-validita tal-fuq imsemmi mandat ta' arrest.

Illi jidher car illi r-rikorrenti qeghdin ikun selettivi ferm bl-applikazzjonijiet tar-Regolament Ewropew. In fatti harsa akkurata lejn ir-Regolament Ewropew jaghti dritt lill-esponenti li jezercita d-drittijiet tieghu sabiex jirkupra l-kreditu dovut lilu minkejja l-proceduri tal-"concordato preventivo" fil-Qorti ta' Bari.

L-esponent jibdew sabiex fl-ewwewl lok jaghmlu riferenza ghall-artiklu 68 fil-Premablu tar-regolament ewropew li jghid hekk:-

(68) Hemm ħtieġa partikolari għal referenza speċjali li tmur lil hinn mil-liġi tal-Istat li jiftaħ il-proċedimenti fil-każ tad-drittijiet in rem ladarba tali drittijiet huma ta' importanza konsiderevoli għal-għoti ta' kreditu. **Il-bażi, il-validità u l-firxa tad-drittijiet in rem għandu għalhekk normalment jiġi determinat bi qbil mal-lex situs u ma għandux ikun effettwat bil-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza. Il-propjetarju ta' dritt in rem għandu għalhekk ikun jista' jkompli jinsisti bid-dritt tiegħu ta' segregazzjoni jew ta' ftehim separat għal garanzija kollaterali.** Meta l-assi huma suġġetti għad-drittijiet in rem taħt il-lex situs fi Stat Membru wieħed iżda l-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza jitwettqu fi Stat Membru ieħor, il-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza għandu jkun jista' jitlob il-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji ta' insolvenza fil-ġurisdizzjoni fejn joriġinaw id-drittijiet in rem jekk id-debitur ikollu stabbiliment hemmhekk. Jekk proċedimenti sekondarji ta' insolvenza ma jinfetħux, kwalunkwe dħul żejjed mill-bejgħ ta' assi koperti bid-drittijiet in rem għandu jitħallas lill-prattikant fl-insolvenza fil-proċedimenti prinċipali ta' insolvenza.x jigi evitat id-dubju, id-disposizzjoni ta' l-Att dwar il-Kumpanniji fir-rigward ta' insolvenza ma ghandhomx ikunu japplikaw sakemm ikunu inkonsistenti ma' dan l-Att.

L-artiklu 8 tar-Regolament Ewropew imbaghad jipprovdi espressament is-segwenti :-

*Artikolu 8*

**Drittijiet ta' partijiet terzi *in rem***

1. Il-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza ma għandux jaffettwa d-drittijiet in rem ta' kredituri jew partijiet terzi rigward assi tanġibbli jew mhux tanġibbli, mobbli jew immobbli, kemm l-assi speċifiċi kif ukoll il-kollezzjonijiet ta' assi indefiniti ħolistikament li jinbidlu minn żmien għal żmien, li jappartjenu għad-debitur li jkunu jinstabu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor fil-waqt tal-ftuħ tal-proċedimenti.

2. Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom, b' mod partikolari, jfissru:

(a) id-dritt li tiddisponi mill-assi jew li jiġu disposti u biex tikseb sodisfazzjon mir-rikavat jew mid-dħul minn dawk l-assi, partikolarment bis-saħħa ta' preferenza jew ipoteka;

(b) id-dritt esklużiv li tintlaqa' talba, partikolarment dritt garantit bi preferenza dwar talba jew b'ċessjoni tat-talba bħala garanzija;

(c) id-dritt li jintalbu assi minn, u/jew li jeħtieġu restituzzjoni minn, xi ħadd li jkollu l-pussess jew użu tagħhom kuntrarju tax-xewqat tal-parti hekk intitolata;

(d) id-dritt in rem għall-użu li jagħti benefiċċju tal-assi.

3. Id-dritt, irreġistrat f'reġistru pubbliku u infurzabbli kontra partijiet terzi, li abbażi tiegħu jista' jiġi akkwistat dritt in rem fi ħdan it-tifsira tal-paragrafu 1 għandu jkun meqjus bħala dritt in rem.

4. Il-paragrafu 1 ma għandux jippreskludi azzjonijiet ta' invalidità, invalidabilità u nuqqas ta' eżegwibilità kif imsemmi fil-punt (m) tal-Artikolu 7(2).

L-artiklu 23 tar-regolament Ewropew jipprovdi ukol is-segwenti :-

*Artikolu 23*

**Radd lura u imputazzjoni**

1. Kreditur li, wara l-ftuħ tal-proċedimenti msemmija fl-Artikolu 3(1), jakkwista bi kwalunkwe mezz, b' mod partikolari permezz ta' infurzar, sodisfazzjoni totali jew parzjali tal-pretensjoni tiegħu fuq l-assi li jappartjenu lid-debitur li jkun jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, għandu jrodd lura lill-prattikant fl-insolvenza dak li jkun ġie akkwistat, soġġett għall-Artikoli 8 u 10.

2. Sabiex jiżgura trattament ugwali tal-kredituri, kreditur li jkollu, matul il-proċedimenti ta' insolvenza, akkwista dividend fuq il-pretensjoni tiegħu għandu jaqsam fid-distribuzzjoni magħmula fi proċedimenti oħra biss meta kredituri tal-istess grad jew kategorija jkunu, f'dawk il-proċedimenti l-oħra, akkwistaw dividend ekwivalenti.

Illi minn qari u analasi ta' dawn id-disposizzjonijiet tar-Regolament Ewropew, ghandu jkun car daqs il-kristall illi a tenur tal-istess Regolament Ewropew li qed jigi invokat mir-rikorrenti, kreditur li jgawdi minn dritt *in rem* fuq assi partikolari tad-debitur tieghu ghandu l-jedd li jipprocedi diretaament sabiex jezercita d-dritijiet tieghu fuq dawk l-assi partikolari minghajr ma jippartecia fil-process fallimentari u jikkompeti mal-massa tal-kredituri fil-procedimetn fallimentari.

Illi l-effickacja tad-dritt *in rem* ta' kreditur f'kuntest marittimu giet sahanistra rikonoxxuta mill-Qrati nostrani f'kaz kwazi identiku ghal dak odjern. Fid-digriet mogthi minn dina l-Qorti fl-ismijiet Avukat Louis Cassar Pullicino nomine vs Il-Bastiment M.V. Beluga Sydney (Qorti Civili, Prim Awla per Imh. Joseph R. Micallef - Rik. Nru 1136/2011) datat 30 ta' Dicembru 2011, nghata digriet fuq talba simili fil-kuntest tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar procediment ta' falliment u liema regolament kien dak vigenti fiz-zmien in kwistjoni qabel ma dahal fis-sehh dak applikabli illum u cioe Regolament

848/2015. Kienet saret talba minn stralcjarju nominat mill-Qorti Tesdeska sabiex jigi revokat mandat ta' arrest mahrug mill-Qorti hawn Malta fil-konfront tal-bastiment m.v. Beluga Sydney proprju sabiex jiehu pussess tieghu u jdahhlu fil-patrimonju tal-process fallimentari gewwa l-Germanja. Fl-imsemmi digriet gie ritenut :-

"Illi ma hemm l-ebda dubju li r-Regolament, bhala strument legislativ komunitarju, ghandu effett dirett fis-sistema tal-ligi f'Malta. Mandankollu, fi kwistjonijiet dwar procedimenti dwar il-falliment jew l-insolvenza ta' persuna (fizika jew guridika), jaghraf ukoll bejn qaghdiet partikolari dwar is-suriet ta' krediti li jkunu tressqu kontra l-persuna li dwarha jinbdew procedimenti bhal dak.

Illi b'mod partikolari, wiehed jirreferi ghall-preambolu hamsa u ghoxrin (25) tal-imsemmi Regolament li jipprovdi li : "Hemm htiega partikolari ghal referenza specjali li tkun differenti mil-ligi tal -Istat li jiftah il-procedimenti fil-kaz tad-drittijiet in rem la darba dawn huma ta' importanza konsiderevoli ghall-ghoti ta' kreditu. Il-bazi, il-validita u l-firxa ta' dan id-dritt in rem ghandu ghalhekk normalment jigi determinat bi qbil mal-lex situs u ma ghandux ikun effetwat bil-ftuh ta' procedimenti ta' falliment. Il-proprjetarju tad-dritt in rem ghandu ghalhekk ikun jista' jkompli jinsisti bid-dritt tieghu ta' segregazzjoni jew ta' ftehim separat ghal garanzija kollaterali. Meta l-assi huma suggetti ghad-drittijiet in rem tal-lex situs fi Stat Membru wiehed izda l-procedimenti principali jitwettqu fi Stat Membru iehor, il-liwidatur tal-procediment principali ghandu jkun jista' jitlob il-ftuh ta' procedimenti sekondarji fil-gurisdizjoni fejn joriginaw id-drittjiet in rem jekk id-debitur ikollu stabbiliment hemmhekk. Jekk il-procedimenti sekondarji ma jinfethux, iz-zejjed mill-bejgh ta' l-assi koperti bid-drittijiet in rem ghandu jithallas lil-likwidatur tal-procediment principali.

Illi minbarra dan, l-artiklu 5(1) tal-istess regolament jipprovdi illi "il-ftuh ta' procediment ta' falliment m'ghandux jaffettwa d-drittijiet in rem ta' kredituri jew partijiet terzi rigward l-assi tangibbli jew mhux tangibbli, mobbli jew immobbli – it-tnejn assi specifici u kollezzjonijiet ta' assi indefiniti bhala massa li jinbidlu minn zmien ghal zmien – li jappartjeni ghad-debitur li jkunu jinstabu fit-territorju ta' Stat Membru iehor fil-waqt tal-ftuh tal-procedimenti."

Ghall-Qorti dan ifisser li l-fatt wahdu li nbdew il-proceduri dwar il-falliment tal-kumpannija sidt il-bastiment fil-Germanja (fejn ghandha s-sedi u l-attivita kummercjali ewlenija taghha) ma jfissirx lil-proceduri mehuda f'Malta mill-ezekutanti dwar il-pretensjonijiet taghhom in rem fuq il-bastiment arrestat iridu jitwaqqfu wkoll. L-artiklu 4 (1) tar-Regolament imsemmi mir-rikorrenti jiftah bil-kliem "Hlief fejn ipprovdut mod iehor f'dan ir-Regolament" u ghalhekk m'huwiex wisq ta' fejda ghalih safejn irid jitlob it-thassir tal-Mandat, la darba dwar il-procedura partikolari mibdija mill-ezekutanti, l-istesss regolament jidher li jipporvdi mod iehor.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent sehhlu jaghti raguni tajba ghaliex il-Mandat ghandu jithassar lanqas fuq din il-kawzali."

Illi l-esponent jaghmel riferenza wkoll ghall-insenjament tal-awtur Alexander J. Belphavek : EU and International Insolvency Proceedings : Regulation (EU) 2015/848 on Insolvency Proceedings – Commentary ta' Alexander J Belphlavek, li a rigward tal-hsieb wara l-artiklu 8 tar-Regolament Ewropew, jispjega dan li gej :-

"Purpose of Article 8 of Regulation 2015/848

These special immunity-oriented provisions are intended to protect third parties' rights and to secure their claims, just as all immunity-oriented rules contained in regulation 2015/848 aim to protect good faith. This is also an exception to the general provisions, set out primarily in Article 7(2)(i) of Regulation 2015/848, on the law applicable to, for example, the distribution of proceeds from the realisation of assets, or the ranking of claims. These provisions play a crucial role in the method of financing, as rights in rem are the most common form of security. First and foremost, these provisions are essential in the system used for financing and the protection of major creditors, and especially institutionalised creditors. The status that was anticipated when it was established, even if insolvency proceedings are opened in relation to a debtor's assets in another state."

Illi finalment l-espoinent qeghdin iressqu parir mill-Avukati Enrico Vergani u Marco Matropasqua tad-ditta ta' avukati taljana BonelliErede, li fiha hemm parir iddetaljat kif l-imsmemija proceduri gewwa Bari ma ghandhom l-ebda effett u impatt guq id-dritt ta'kreditur li jgawdi dritt in rem bhala *mortgagee,* minkejja l-ftuh ta' procedure ta' concordato preventive gewwa Bari. Fuq kollox jissemmew kazijiet simili li gew decizi quddiem il-Qrati Taljani b'mod konsistenti fejn drittijiet in rem gew ezegwiti fuq bastimenti minkejja l-ftuh ta' procedure ta' falliment fi stat membru iehor tal-Unjoni Ewropea.

Illi a bazi tal-premess dina l-Qorti ma ghandha jkollha l-ebda diffikulta li tapplika d-disposizzjonijiet tar-Regolament Ewropew mhux ghar-ragunijiet avvanzati mir-rikorrenti izda proprju sabiex tichad it-talbiet avvanzati mill-istess rikorrenti u thalli in vigore l-imsemmi titolu ezekuttiv.

Illi finalment l-esponent sejjer jaghmel riferenza ghad-digriet ossia ordni mahruga mill-Qorti ta' Bari fil-5 ta' Gunju 2023 li bis-sahha tieghu l-istess Qorti ippronunzjat ruhha dwa ril-validita tal-hrug tal-mandat ta' arrest fil-konfront tal-bastiment intimat.

<u>L-Ordni tal-Qorti ta' Bari tal-5 ta' Gunju 2023</u>

Illi tajjeb li wieħed jinnota li mill-Ordni datata l-5 ta' Gunju 2023, is-socjeta' esponenti **<u>qatt ma giet</u>** **<u>notifikata bl-atti li wasslu ghal dik l-ordni</u>**, u **<u>qatt ma kellha l-opportunita' sabiex tipprezenta d-difiza taghha</u>** sa qabel ma harget l-ordni. Dan gie kkonfermat mill-Parir Legali tal-Avukati Taljani Enrico Vergani u Merco Mastropasqua (anness hawn taht):

*41. … The Italian Inefficacy Order at issue (besides being affected by a lack of jurisdiction) it is not even capable of producing effects against Nassau Maritime.*

*42. Although Morfini named in the petition filed before the Court Nassau Maritime as opponent, the latter had no chance to make its case before the Italian Court, in the total absence of the party's right to defense.'*

*…*

*46. The Decree has been issued in default of Nassau Maritime in breach of any fundamental rights of defence. In any case, the Decree has been filed before the Maltese Courts only recently as supporting evidence of the Morfini Memo. As a result, Nassau was prevented from being aware of the contents of the Decree, neither granted to debate it.'*

Illi jsegwi allura li din l-Ordni **<u>ma tistax</u>** tigi rikonoxxuta u infurzata kontra s-socjeta' esponenti f'Malta kemm taht Artikolu 45(1)(a) kif ukoll tal-Artikolu 45(1)(b) tar-Regolament UE Nru 1215/2012 dwar il-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet civili u kummercjali (riformulazzjoni) (il-"***Brussels Regulation Recast***"), li jipprovdu:

*1. Fuq it-talba ta' kwalunkwe parti interessata, ir-rikonoxxi ment ta' sentenza **<u>għandha tiġi rifjutata</u>**:*

*(a) jekk dak ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l- istrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Membru indiriz zat;*

*(b) meta s-sentenza tingħata b'kontumaċja, jekk il-konvenut **ma kienx ġie notifikat** bid-dokument li jkun fetaħ il-proċedi menti jew b'dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti u b'tali manjiera li dan ikun jista' jħejji għad-difiża tiegħu, sakemm il-konvenut ma jkunx naqas milli jibda l-proċedi menti biex jikkontesta s-sentenza meta kien possibli għalih li jagħmel hekk;*

Illi 'l fuq minn hekk, b'dik l-Ordni taghha l-Qorti ta' Bari ddikjarat li l-mandat ta' arrest tal-Qorti Maltija tat-23 ta' Mejju 2023 kien:

'*1. Declares that the order of "arrest of the ship" by the Maltese Court of 23/5/2023, issued upon request of 22/5/2023, in the presence of the protective measures confirmed by decree of 19.5.2023 and registered on 23.5.2023, is ineffective and not enforceable against the Company Morfini Spa;*

*2. Orders the consequent automatic unblock of the M/C Dominia and of the right to resume its circulation.'*

Illi bl-introduzzjoni tar-Regolamenti Ewropej, specjalment bil-***Brussels Regulation Recast***, gie stabbilit il-principju ta' rispett reciproku ghas-sentenzi (inkluz mizuri kawtelatorji) ta' qrati ta' Stati Membri ohrajn, bir-rizultat li qorti ta' Stat Membru **qatt** ma tista' tirrevedi jew tirrifjuta li tirrikonoxxi sentenzi ta' Stati Membri ohrajn li jaqghu fl-ambitu tal-*Brussels Regulation Recast*, hlief ghar-ragunijiet limitati u specifici msemmijin f'Artikolu 45 ta' dak ir-Regolament. Il-bazi legali ghal din il-kooperazzjoni gudizzjarji fi kwistjonijiet civili (kif ukoll kriminali) fl-UE hija stabbilita f'Artikoli 81 u 82 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU), u skont dawn id-dispozizzjonijiet, hija "*based on the principle of mutual recognition"*.

Illi fil-fatt, Artikolu 52 tal-*Brussels Regulation Recast* jipprovdi:

*'Taħt **l-ebda cirkostanzi**, ma tista' tigi riveduta sentenza moghtija fi Stat Membru fir-rigward tal-mertu taghha fl-Istat Membru indirizzat.'* (enfazi mizjud)

Illi l-Parir Legali tal-Avukati Vergani u Mastropasqua jerga' jikkonferma li:

*43. Moreover, the identification of Nassau Maritime as a party to the proceedings is also doubtful, since the measure provided in the Italian Inefficency Order does does not refer directly to Nassau Maritime. On the contrary, **the Italian judge seems to "order" the Maltese judge what effects to attribute to a precautionary measure issued by that judge**, evidently implying some presence on the part of the Italian judge (we repeat, not even competent on the precautionary measure) of coercive powers towards a foreign authority.*

Illi fl-ahhar nett, jidher li din l-Ordni mhux tali mhijiex *res judicata*, izda potenzjalment hija null u bla effett bhala fatt skont il-ligi Taljana peress li l-Qorti ta' Bari **ma kellhiex il-gurizdizzjoni necessarja** sabiex tisma' dak ir-rikors rigward mandat ta' arrest ta' Qorti Maltija kontra bastiment li qieghed f'ibhra Maltin. Skont l-Parir Legali tal-Avukati Vergani u Mastropasqua:

*'40. The Decree has been issued by an Italian Court which does not have any jurisdiction on a ship arrest case brought before Maltese jurisdiction on a vessel within Maltese waters. The Italian Court cannot declare ineffective the decision of a judicial authority of another EU Member State.*

*…*

*49. As a final note, going back to a very old decided case, Italian Courts held, that a lack of jurisdiction of the above described kind, integrates not only a possible cause of annulment of the measure, but also of its non-existence. In particular, the Court of Appeal of Naples (16 June 1926) has qualified as absolutely null and void a judgment rendered against a foreign State on a dispute falling outside Italian jurisdiction.'*

Ghar-ragunijiet kollha suesposti, l-esponenti jissottometti illi t-talbiet avvanzati mir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat l-atti ta' din il-procedura;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Gunju 2023, ir-Rikors thalla ghall-ghoti ta' digriet *fil-miftuh* kif in effetti qed jinghata llum.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel kwalsiasi konsiderazzjoni ohra u peress illi hija ta' *ordni pubbliku*, din il-Qorti ser tistharreg l-ewwel l-eccezzjoni procedurali mressqa mill-intimat noe. fis-sens illi, in kwantu illi r-rikors promotur huwa mressaq ai termini tal-artikolu 281 et seq tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, it-talbiet ma jistghux jintlaqghu ghaliex ir-rikors huwa irritu u null.

**Sfond:**

Jirrizulta nkontestat illi fit-23 ta' Mejju 2023, il-Qorti laqghet talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Arrest ta Bcejjec tal-Bahar kawtelatorju bin-numru 870/2023. Sussegwentament, jirrizulta nkontestat ukoll illi fit-8 ta' Gunju 2023, is-socjeta' hawnekk intimata Nassau Maritime Holdings DAC (Nassau) pprezentat ittra ufficjali kontra l-bastiment M.T. Dominia registrat l-Italja bl-IMO numru 9376854, liema ittra ufficjali kienet notifikata dak in-nhar stess lill-istess bastiment.

Minn qari tal-istess ittra ufficjali, jirrizulta illi s-socjeta` Nassau irrendiet il-*first priority mortgage* msemmi fl-istess ittra ufficjali ezekwibbli.

Il-kontestazzjoni jidher illi qed tqum peress illi l-ittra ufficjali tghid illi din kienet qeghda issir "*biex tirrendi l-imsemmi First Priority Mortgage li gie iskritt fir-registru tal-bastiment fis-17 ta' Gunju 2009 ezegwibbli bhala <u>att ezekuttiv</u>*". F'dan is-sens u in kwantu dak dikjarat, il-bastiment jsostni illi kellu ragun japplika l-Artikolu 281 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u fit-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-bastiment, jinghad *"….ahna ma ahniex qed nattakkaw it-titolu ezekuttiv u lanqas it-titolu, lanqas il-kreditu ma qed jigi kontestat. <u>Imma qed nattakkaw l-att ezekuttiv</u>*" – dan proprju ghaliex il-bastiment qed jiehu il-kliem tal-ittra ufficjali hawn fuq kkwotati u jsostni illi l-ittra ufficjali hija ammissjoni da parti ta' Nassau illi "*qed tirrikonoxxi li t-*

*titolu ezekuttiv huwa att ezekuttiv. Jigifieri dik l-ittra ufficjali huwa att ezekuttiv li gie rikonoxxut mill-kontro-parti. Kien ghalhekk illi ghamilna u intavolajna l-procedura tat-281*".

L-abbli difensur tas-socjeta' Nassau minn naha l-ohra jiggustifka l-ghoti ta' din l-eccezzjoni billi jghid illi wiehed ma jistghax jiehu l-kliem "*att ezekuttiv*" msemmija fl-ittra ufficjali barra mill-kuntest taghhom. Jispjega illi kif indikat fl-istess paragrafu tal-ittra ufficjali, dik kienet qed issir in forza tal-artikolu 253 *et seq* tal-KAP 12 u l-artikolu 42 tal-KAP 234. Jsostni illi "*l-ittra ufficjali irrendiet l-mortgage ezegwibbli …….. fil-kuntest ta' zewg artikoli tal-ligi li huma cari x'inhuma l-iskop taghhom …… bl-ittra ufficjali ma jsirx mandat ezekuttiv kif nafu*".

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Il-Qorti fliet l-Artikoli 253 tal-KAP u l-Artikolu 42 tal-KAP 234 u mill-assjem ta' dak prodott u minn qari akkurat tal-ittra ufficjali de quo, ghall-Qorti huwa bil-ferm evidenti illi dak li kienet qed taghmel is-socjeta` Nassau bil-presentata tal-ittra ufficjali ma kienx illi tottjeni att ezekuttiv jew mandat, izda illi tirrendi ezekuttiv il-*First Priority Mortgage* msemmi fl-istess ittra sabiex konsegwentament u jekk ikun il-kaz, mbaghad tipprocedi ghall-hrug ta' att ezekuttiv.

Il-Qorti ssib komfort f'din il-konkluzjoni anke minn qari tal-Artikolu 273 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li certament ma jinkludix ittra ufficjali bhala att ezekuttiv. Anzi, jinghad ulterjorment, illi jinkludi il-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar bhala att ezekuttiv.

Dan kkonstat, il-Qorti tirreferi issa ghall-Artikolu 281 tal-KAP 12 li r-rikors promotur odjern huwa msejjes fuqu.

**L-Artiklu 281 tal-KAP 12** jaqra' testwalment hekk:

> *Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*

Issa, kif gja kellha okkazjonijiet ohra tghid il-Qorti, l-ghan li ghaliha dahhlet il-procedura taht l-artikolu 281 tal-KAP 12 huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu li, bis-sahha tieghu, il-parti ezekutata tbghati pregudizzju. Ghalhekk ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura

tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu, li bis-sahha tieghu l-istess att ezekuttiv ikun inhareg.[1]

Finalment, il-Qorti tosserva ukoll, illi kontestwalment ma dan id-digriet, qed jinghata ukoll digriet ghar-rikors 581/2023 mressaq ukoll mill-basiment M/V Dominia kontestwalment ma' dan ir-rikors, u li huwa rikors mressaq ai termini tal-Artikolu 836(1) tal-KAP 12 sabiex appuntu jitlob ir-revoka tal-Mandat Kawtelatorju ta' Arrest ta Bcejjec tal-Bahar numru 581/2023. Il-Qorti ghalhekk ftit tifhem kif kontestwalment, il-bastiment qed jsostni illi Nassau ghandha kemm att ezekuttiv u kemm att kawtelatorju f'daqqa, naxxenti mill-istess Mandat, l-istess ittra ufficjali u l-istess fatti.

Il-Qorti tqis illi una volta illi l-bastiment M/V Dominia ressaq il-procedura 581/2023 ai termini tal-Artikolu 836(1) tla-KAP 12 fir-rigward ta' Mandati kawtelatorji, dan mar biex jimmilta kontra t-tezi tal-istess vapur illi l-ittra ufficjali tikkostitwixxi att ezekuttiv.

Filwaqt ghalhekk illi d-diskussjoni li segwiet bejn il-partijiet, lil hinn minn din il-konsederazzjoni u eccezzjoni formali procedurali preliminari, certament illi tqajjem interess, b'dana kollu u una volta illi l-Qorti qed tikkonkludi illi l-ittra ufficjali **mhix** att ezekuttiv imma huwa att giudizzjarju illi qieghed jirrendi titolu ezekuttiv il-*First Priority Mortgage*, allura il-Qorti hija obbligata illi tieqaf hawn u tiddikjara biss illi r-rikors tal-Bastiment M/V Dominia huwa irritu u null.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, il-Qorti qed tghaddi biex tichad ir-rikors tal-bastiment M/V Dominia tat-12 ta' Gunju 2023 u tiddikjarah bhala irritu u null.

Bl-ispejjes kontra l-istess bastiment M/V Dominia.

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Onor. Imhallef** | **Deputat Registratur** |

[1] HSBC Bank Malta Plc vs Doris Conchin 28.07.2011